KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Tmienja u Erbgħin (48)***

***Il-Ħamis, 9 ta' Ġunju, 2022***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-laqgħa tal-Kunsill fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm) fil-bini tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| IL-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

IL-KUNSILLIER ANDREAS GATT

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippressjeda l-Laqgħa.

**48.1 Qari ta' l-ittri tal-apoloġiji**

48.1.1 Tressqet ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Andreas Gatt fejn informa lill-Kunsill li jinsab indipost minħabba raġunijiet personali. Il-Kunsill approva din l-ittra.

**48.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

48.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq għall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 47 li nżammet nhar it-Tlieta, 10 ta' Mejju, 2022.

48.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 47 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

48.2.3 **Mozzjoni 48-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 47.
Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli
Il-Minuti Numru 47 ġew approvati unanimament.

*F'dan l-istadju tal-laqgħa attenda l-Kunsillier Keith Fenech (6.00pm)*

**48.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 48 (08) – Ġunju 2022***

48.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 48(08) permezz cheque numru 7191 (ref. 10378) kif ukoll permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 10365 sa 10406 li jammontaw €25,013.06

48.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-pagament tal-Pulizija għas-servizz tagħhom fil-Karnival ta' din is-sena (PR No. 10373), ġie revedut. Ġejna infurmati li l-ammont ta' Eur635.50 tħallas żejjed u għaldaqstant se jkun qed jinqata' minn kont ieħor fil-futur, meta l-Kunsill jerġa jitlob servizz ieħor tal-pulizija.

48.3.2 **Mozzjoni 48-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 48(08) bl-ammont ta' €25,013.06
Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: Il-Kunsillier Keith Fenech
L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 48(08) ġiet approvata unanimament.

**48.4 Approvazzjoni tar-Rapport tal-Ewwel Kwart tas-Sena: Jannar- Marzu 2022**

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa attenda b'mod virtwali l-Accountant tal-Kunsill*

48.4.1 L-accountant tal-Kunsill taha spjegazzjoni tal-figuri li hemm imniżżla fir-Rapport tal-Ewwel Kwart tas-Sena 2022.

48.4.2 Wara diskussjoni qasira, is-Sindku Darren Abela ressaq għall-approvazzjoni ir-Rapport tal-Ewwel Kwart tas-Sena 2022.

48.4.3 Ir-Rapport tal-Ewwel Kwart tas-Sena Jannar-Marzu 2022 ġie approvat unanimament.

*Saret diskussjoni qasira rigward il-punti li se jiġu diskussi fil-laqgħa li se tinżamm iktar tard illum mal-Onorevoli Ray Abela.*

**48.5 *Recycling Points* f'Ħal Għaxaq**

48.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fetħet id-diskussjoni dwar din il-materja fejn infurmat li l-ERA reġgħet talbet laqgħa rigward l-obbligu li l-Kunsill għandu sabiex jipprovdi żewġ Recycle Points fil-lokal. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet li wara li l-Kunsill talab sabiex tiżdied kollezzjoni oħra ta' boroż ħodor/griżi iżda ma ingħatajnix l-approvazzjoni minħabba li minn Settembru li ġej se ssir skeda ta' ġbir fuq bażi nazzjonali. Rigward il-moniteraġġ tar-Recycle Points, infurmati li l-Kunsill jista' jikkomunika mal-Greenpak sabiex isiru CCTV cameras u jiġu moniterati mill-LESA.

48.5.2 F'dan l-istadju, il-Kunsill qabel li bħala sit għandhom isiru fi Triq il-Barbazzal fejn il-Ground tal-Kappillan. Dwar dan il-Kunsill qabel bil-kundizzjoni li isiru l-cameras, jibdew jiffunzjonaw u naraw li m'hemmx abbużi, wara jiġi kkunsidrat it-tieni sit.

**48.6 Korrispondenza**

48.6.1 Rigward it-tender tal–knis il-Kunsill qabel li sal-festa ta' Santa Marija jitħalla dan il-kuntrattur. Wara l-Festa terġa' ssir id-diskussjoni dwar dan is-servizz. Il-Kunsill qabel li

48.6.2 Rigward it-tender tal-garaxx, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-proċess tal-evalwazzjoni wasal fil-fażi finali. Għaldaqstant il-Kunsill issa jrid jqabbad nutar sabiex isir il-konvenju. Il-Kunsillier Keith Fenech qal li f'każ ta' xiri, in-nutar jista' jintagħżel mix-xerrej. Il-Konvenju għandu jsir għal tliet xhur.

48.6.3 Rigward iz-zona fi Triq il-Ħareb, fejn qed jintrema ħafna skart, il-Kunsill qabel li jibgħat il-Lands biex jara ta' min hi l-art, isir it-tindif li hemm bżonn fit-triq u jinġabar il-bulk li hemm fuq il-bankina. Il-Kunsill se jikkunsidra ukoll li jtella' ftit iċ-ċint li hemm.

**48.7 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

48.7.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex jitpoġġew bollards temporanji quddiem garaxxijiet. Il-Kunsill ma qabilx ma din it-talba.

48.7.2 Is-Sindku Darren Abela ressaq proposta sabiex isir xi patching li hemm bżonn. Il-Kunsill qabel li jinġiebu l-kwotazzjonijiet u jsiru sa €5000.

48.7.3 Is-Sindku ressaq talba mingħand il-Kappillan sabiex isir tindif fil-faċċata tal-*ground* sabiex il-Kunsill jekk ikun hemm bżonn jitfa' xi affarijiet sakemm. Il-Kunsill qabel li jinġiebu kwotazzjoni.

48.7.4 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-monument tal-Bypass li kien sar aċċident fih u nkiser. Ir-Rapport tal-Kunsill mal-pulizija kien sar. Il-Kunsill qabel li nipprovaw ngħadduh lill-insurance biex nifthu claim. Rigward il-monument, il-Kunsill qabel li jkellem lil xi ħadd biex nippruvaw nirranġawh.

48.7.5 Is-Sindku Darren Abela fakkar sabiex tkompli titressaq it-talba biex jinbidel l-isem ta' Ġnien il-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li se jinbeda l-proċess mad-Dipartiment tat-Tismija sabiex jinbidel l-isem.

48.7.6 Is-Sindku Darren Abela qal li ma sabx espert rigward it-Traffic Management. Il-Kunsillier Keith Fenech qal li l-Kunsill kien ressaq proposta rigward Traffic Management lil Transport Malta iżda qatt ma ingħatajna l-approvazzjoni. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li terġa' titressaq fil-laqgħa tal-Kunsill.

*F'dan l-istadju, il-Laqgħa tal-Kunsill ġiet sospiża għal ftit ħin (7.15pm)*

*Il-laqgħa tkompliet fid-8.45pm. Il-Vici Sindku Christine Dalli talbet li tkun skużata*

48.7.7 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm xi ħsarat fil-Berġa ġej mingħand l-inkwilini li joqgħodu fuq, iżda qed jiskula fil-bitħa tal-Berġa. Għaldaqsatant jekk il-ħsara tibqa' ma titranġax, il-Kunsill qabel li jġib stima biex isiru x-xogħlijiet.

48.7.8 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex tintuża' l-kamra ta' fuq tal-Kunsill sabiex isiru xi *assessments* lit-tfal tal-Iskola Primarja. Il-Kunsill approva iżda għandhom jiġu jaraw jekk il-post hux adekwat minħabba l-aċċessibilita'.

48.7.9 Is-Sindku Darren Abela talab li ssir talba uffiċjali sabiex tinfetaħ triq fi Triq Carmelo Rosario Dimech. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li ssir talba uffiċċjali iżda għandhom jissemmew it-toroq kollha li għandna bżonn jinfetħu u li ilhom iktar ta' priorita'.

**48.8 <u>Mistoqsijiet u Tweġibiet mill-Kunsilliera</u>**

48.8.1 Il-Kunsillier Keith Fenech ippropona li tintbagħat stedina lill-Membri Parlamentari tad-distrett kollha sabiex ninfurmaw bil-petizzjoni li l-Kunsill għandu.

**48.9 <u>Mozzjonijiet</u>**

48.9.1 Annessi mal-Minuti

**48.10 <u>Aġġornament tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss</u>**

48.10 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għat-Tlieta 5 ta' Lulju 2022 fil-5.30pm

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.30pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 48**

**Mozzjoni Ref:** 48-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 47

**Rose Agius**
**Proponent**

**Christine Dalli**
**Sekondant**

**Data:** 9 ta' Ġunju 2022

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 48**

**Mozzjoni Ref:** 48-02

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta’ Pagamenti Numru 48/08

**Rose Agius**
**Proponent**

**Keith Fenech**
**Sekondant**

**Data:** 9 ta’ Ġunju 2022

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**